Kunsill Lokali Ħal Balzan
153 Triq il-Kbira
Ħal Balzan

**MINUTI TAT- TIENI LAQGĦA TAS-SEBA' KUNSILL**

**Post:** fis-Sala tal-Kunsill, 153 Triq il-Kbira, Ħal Balzan

**Data:** l-Erbgħa, 11 ta'April 2012

**Ħin:** Mis-5.30pm sas-6.40pm

**Prezenti:** It-Tabib J. Zammit Montebello
Is-Sur Joseph Mary Galea
Is-Sur Desmond Zammit Marmara
Is-Sur Guido Borg
Is-Sur Stephen Gatt

## 1. Approvazzjoni tal-Minuti ta' L-Ewwel laqgħa tas-Seba' Kunsill.

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqegħdu l-minuti ta' l-ewwel laqgħa ta' nhar l-Erbgħa, 4 ta' April 2012. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Is-Sindlu informa lis-Segretarju li f'kapitlu Nru 3 l-aħħar paragrafu kellu jiżdied l-isem tal-Kunsillier Guido Borg bħala membru fis-sotto-kumitat "Forum Lokalita"

Il-Minuti kienu proposti għall-approvazzjoni mil-Vici Sindku, Is-Sur J.Galea, li kien issekondat mill-Kunsillier is-Sur S.Gatt. Il-minuti kienu approvati unanimament. Is-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv ffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

## 2. Korrispondenza

**Ittra Numru 1780/12 –** Invit mingħand il-Kunsill Nazzjonali Persuni b'Disabilita biex il-Kunsilliera jattendu għal-preżentazzjoni "*Access for all Design Guidelines*". Għal din il-laqgħa ser jattendu il-Viċi-Sindku is-Sur J. Galea u 'l-Kunsillier Is-Sur G. Borg

**Ittra Numru 1778/12** – Ittra mingħand l-ETC fuq 'Skema Xogħol fil-Komunita'. Il-Kunsill qabbad lis-Segretarju jikteb l-ETC biex jara 'l-possibilta' li jingħataw ħaddiema biex jagħmlu xogħol ta' manutenzjoni fit-toroq tal-lokal.

**Ittra Numru 1743/12** – Xi osservazjonijiet li saru mill-Kunsillier Is-Sur Zammit Marmara fuq dawk il-problemi li ltaqa' magħom li qalulu bihom ir-residenti fil-ġimgħat li għaddew u li jridu jiġu ndirizzati mill-Kunsill fejn dan hu possibbli li jsir.

**Ittra Numru 1742/12 –** Ittra mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali biex il-Kunsill jagħmel għażla bejn li jagħmel xi xogħol ta' asfaltar fuq it-trinek li jkunu saru mill-Korporazzjoni ta' L-Ilma biex jgħaddu s-servizzi fejn il-Kunsill jitħallas € 50 ta' kull biċċa xogħol li ssir skond il-ftiehem milħuq bejn l-ASKL u 'l-WSC jew inkella tkun il-Korporazzjoni stess li tagħmel dan. Ġie deċiż mill-Kunsill li dan ix-xogħol jibda' jsir mill-Korporazzjoni u b'hekk nevitaw problema ta' *cash flow*.

**Ittra Numru 1741/12 –** Ittra mingħand l-Iskola Primarja ta' Lija-Balzan-Iklin biex il-Kunsill jagħti donazzjoni biex l-iskola tkopri parti mill-ispejjez tal-Merit Week. Il-Kunsill ma jistax jagħmel dan għaliex skond il-liġi ma tistax tingħata l-ebda forma ta' donazzjoni.

**Ittra Numru 1732/12 -** Ittra mingħand Transport Malta fuq proposta ta' *zebra crossing* ġdida ġo Wied Ħal Balzan biex isis rapport minn perit fuq il-paviment eżistenti fejn trid tiġi din *iz-zebra crossing*. Is-Sindku informa is-Segretarju biex jara jekk kienx hemm diġa xi pjanti u studju eżistenti fuq dan is-suġġett. Jekk le niktbu lill-perit tal-Kunsill biex jagħmel dan.

**Ittra Numru 1670/12** – Ittra mingħand Transport Malta fejn infurmaw il-Kunsill li 'l-parking bays ġo Triq Qarcilla kantuniera ma' Triq Il-Kannizzata ġew approvati.

## 3. Tiġdid tal-Kuntratt tal-Perit tal-Kunsill

Is-Sindku qed jirrakomanda li 'l-kuntratt eżistenti mal-Perit Anthony Bezzina li għadu kemm intemm jerġa jiġi mġedded għal-sena oħra għal raġuni li bħalissa huwa 'l-perit inkarigat li qed jieħu ħsieb ix-xogħolijiet tat-Tisbieħ tal-Pjazza Bertu Fenech u li 'l-fondi ,li 'l-parti kbira minnu, ġejjin mill-Unjoni Ewropeja ikun irid jispjega x-xogħol tiegħu bir-responsabilitajiet kollha li jirrekjedi dan il-proġett kif wkoll marbutin ma' ċertu deadlines imposti mill-Planning and Priorities Coordination Division fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru.

Il-Kunsill minn naħa l-oħra jista' jiddeċiedi li jmur għal-ħruġ ta' tender ieħor ġdid pero' dan jista' jġib miegħu implikazjonijiet finanzjarji li jkunu ta' detriment għal-Kunsill.

Għalhekk is-Sindku ppropona li s-Segretarju Eżekuttiv għandu jikteb ittra lill-Perit Bezzina u jinfurmaħ li 'l-Kunsill lest li jġedded il-kuntratt sal-15 ta' Frar 2013 bil-kundizjonijiet li kienu diġa eżistenti qabel fl-elfejn u disa' u jinforma lill-Kunsill bl-eżitu fil-laqgħa li jmiss. Din il-proposta ġiet milqugħa mill-Kunsilliera kollha.

## 4. L-Iskema tal-Private Public Partnership

Is-Sindku beda biex qal li kif jafu il-Kunsilliera f'ħafna Kunsilli Lokali qed jitħaddan il-kunċett ta' Public Private Partnership fejn jidħol ir-*resurfacing* ta' toroq li jaqgħu taħt ir-responsabilita tagħom. F'dan ir-rigward huwa kien talab lis-Segretarju biex jagħmel eżerċizzju u jara x'riżorsi finanzjarji għandu 'l-Kunsill biex jkun jista' jwettaq din l-iskema fil-lokalita'.

Fl-isfond ta' dan wieħed ried jieħu kunsiderazzjoni ta' l-ispejjez li jrid joħroġ il-Kunsill għal proġett ta' tisbiħ tal-pjazza li għaddej bħalissa, kif ukoll ried jara li jkun f'posizzjoni finanzjarja b'saħħita li 'l-Kunsilli ta' wara din il-leġislatura ma jkollhomx ebda tip ta' problemi ta' din is-xorta.

F'dan il-kuntest is-Sindku ippropona li t-toroq li jistgħu jiġu kkunsidrati huma Triq Guze Bonnici ( jibda minn fejn jispiċċa il-proġett) u Triq Sir Antonio Micallef. Hawnhekk Il-Kunsillier Zammit Marmara semma li priorita' għandha tingħata lill- Wied Ħal Balzan. Is-Sindku gibed l-attenzjoni tal-Kunsillier li dik it-triq trid tiġi mibnija mill-ġdid u mhux *resurfacing* biss. L-ispejjez involuti għal dan jirrekjedi ammonti kbar ta' flus u li 'l-Kunsill zgur li ma jiflaħx għalihom. Is- Sindku kompla jgħis li 'l-Kunsill għandu jkompli jinsisti ma'

l-Awtoritajiet tal-Gvern Ċentrali kif dejjem għamel f'dawn l-aħħar leġislaturi biex din it-triq issir mill-Gvern.

Minbarra dawk iż-żewġ toroq jekk il-fondi tal-Kunsill jippermettu isiru wkoll il-bankini ta' Triq Gulju Cauchi ,Triq L-Għerusija kif wkoll Triq Idmejda.

Il-Kunsill qabel unanimament li għandha titħaddan din l-iskema u qabbad lis-Segretarju Eżekutti biex jibda 'l-proċess ta' dan.

## 6. Ħruġ ta'Tenders

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li 'l-kuntratti tal- "Ġbir ta' Skart Goff" u tal-"Public Convenience" waslu biex jiskadu f'Ġunju li ġej u hemm il-ħtieġa li toħroġ sejħa għal- dawn it-Tenders. Huwa semma wkoll li 'l- Kunsill għandu joħroġ tender għal-"Street Lighting" għar-raġuni li t-tender eżistenti li kien sar mal-Kumitat Konġunt ta' B'Kara ma għadux in vigore għar-raġuni li dan il-Kumitat kien spiċċa. Il-Kunsill qabel unanimament li għandha toħroġ sejħa għal dawn it-Tenders.

## 7. Rapport dwar L-Ilmenti

**Ilment Nru 17011090152377**: Jiġbed l-attenzjoni f'isem ir-residenti kollha ta' Triq Sigismondo Dimech biex isiru l-bankini. Il-Kunsill jidhirlu li diġa hemm bankini eżistenti pero' l-Viċi-Sindku ħa l-inkarigu biex jara x'hemm.

**Ilment Nru 17012086160351** : Tiġbed l-attenzjoni li hemm bżonn li tiġi rranġata culvert ta' fejn Buontempo Estate f'Wied Ħal Balzan għaliex qeda' ċċekċek. Is- Segretarju informa lill-Kunsill li kien diġa bgħat għal-perit ta' Polidano Group biex jagħti stima għal dan ix-xogħol imma kien qal li qabel toqgħod il-klima ta' l-ajru u jkun hemm temp stabbli ma jissuġerix li din issir issa għaliex ikun sar kollu għalxejn. Sadanittant qed naraw il-possibilita li din il-*culvert* issir mill-ħaddiema tal-Kunsill.

**Ilment Nru 17012087163955**: Resident jitlob li jsiru taħdidiet sew ma' l-entitajiet konċernati sabiex isir *resurfacing* ta' Triq Il-Ferrovija l-Qadima. Il-Kunsill nnota dan pero' hawnhekk it-triq, bħal dik ta' Wied Balzan trid tinbena mill-ġdid u minħabba f'hekk il-fondi tal-Kunsill ma jippermettux u ser ttkompla ssir pressjoni fuq il-Gvern Ċentrali.

**Ilment Nru 17012047165350**: Resident jiġbed l-attenzjoni li hemm bżonn mera fi Triq Birbal faċċata ta' Vjal Sir Mikelangelo Refalo. Is- Segretarju ħa jikteb lill- Transport Malta biex joħroġ permess.

## 7. Komunikazzjoni tas-Sindku

Is-Sindku ma kellu ebda komunikazzjoni x'jgħaddi

## 8. Approvazzjoni biex isir il-ħlas u ħlas ta' Petty Cash

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' ħlasijiet li ġġib id-data tal-11 ta' April 2012 (mehmuża) li tammonta għas-somma ta' € 25,924.30

L-iskeda ta' ħlasijiet kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Viċi Sindku J. Galea li kien issekondat mill-Kunsillier S. Gatt. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskeda ta' ħlasijet ġiet iffirmata minn żewġ kunsillieri biex nuru li hija dokument korrett.

## 9. Affarijiet Oħra

Il-Kunsillier D. Zammit Marmara talab għal-aktar informazzjoni rigward in-newsletter u il-website tal-Kunsill biex ikun jista' jibda jippjana il-ħidma tiegħu.

Is-Segretarju informa lill-Kunsilliera fuq Jum Ħal Balzan li ser issir il-Ħadd 15 ta' April u 'l-preparamenti li saru għaliha.

**Għeluq**: Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar l-Erbgħa 25 ta' April, 2012 fil-5.30pm

**Dr. J. Zammit Montebello**
Sindku

**Mark Mallia**
Segretarju Ezekuttiv

Data